32000R1887



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1887/2000

## tas-6 ta' Settembru 2000

## li tikkonċerna l-awtorizazzjoni provviżorja ta' addittiv ġdid fl-ikel

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tikkonċerna addittivi ġodda fl-għalf [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1353/2000 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 70/524/KEE tipprovdi biex addittivi ġodda ikunu jistgħu jiġu awtorizzati, billi jittieħed akkont ta' l-avvanzi fit-tagħrif xjentifiku u tekniku.

(2) L-awtorizzazzjoni proviżorja ta' addittivi ġodda għandha tingħata jekk, fil-livell permissibbli fl-għalf, ma jaffettwawx ħażin is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimal jew tal-ambjent, u lanqas ma tagħmel ħsara lill-konsumatur billi tbiddel il-karatteristiċi tal-prodotti ta' l-annimali, jekk il-preżenza tiegħu fl-għalf tista' tkun kontrollata, u hu raġonevoli biex tassumi, in vista tar-riżultati disponibbli, li l-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3a(a) tad-Direttiva 70/524/KEE, i.e. l-effetività, jkunu intlaħqu.

(3) Fid-dawl tad-dettalji ippreżentati fil-file u eżaminati mill-Istati Membri, l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni proviżorja għal "klinoptilolit ta' oriġini sedimentarja", li huwa tal-grupp "Aġenti tat-tgħaqqid, kontra t-tgħaqqid u l-koagulanti", intlaħqu.

(4) "Klinoptilolit ta' oriġini sedimentarja" għandhom ukoll ikunu inklużi fil-programm għas-sorveljar tal-preżenza possibbli għad-diossini stabiliti għal kwalunke addittivi oħra li huma ta' l-istess grupp diġa awtorizzat. Dispożizzjoni hija magħmulha għall-programm għal aġenti tat-tgħaqqid awtorizzati, aġenti kontra t-tg]aqqid u koagulanti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2439/1999 [3], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 739/2000 [4]. Wara l-15 ta' Ottubru 2000, id-data li fiha r-riżultati tal-programm tas-sorveljar bħala komplut għandu jkun disponibbli, l-limiti ta' sejbiet stabbiliti fil-metodu ta' l-analiżi tad-diossina għandu jkun applikat jekk l-ebda limitu massimu speċifiku bbażat fuq informazzjoni suffiċjenti mill-programm ta' sorveljar għall-preżenza tad-diossini f'dan l-addittiv ġdid hu stabbilit.

(5) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regoalment huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

"Klinoptilolite ta' oriġini sedimentarja", li huwa tal-grupp "Aġenti tat-tgħaqqid, kontra t-tgħaqqid u l-koagulanti" hu hawnhekk proviżjonalment awtorizzat b'mod konformi mad-Direttiva 70/524/KEE bħala addittiv fl-għalf, skond il-kondizzjoni stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament qabel il-15 ta' Ottubru 2000 fid-dawl tar-riżultati tal-programm ta' sorveljar għal presenza ta' diossina f'dan l-addittiv ġdid.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament l-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Settembru 2000.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1.
[2] ĠU L 155, tat-28.6.2000, p. 15.
[3] ĠU L 297, tat-18.11.1999, p. 8.
[4] ĠU L 87, tat-8.4.2000, p. 14.

*L-ANNESS*

**Aġenti tat-tgħaqqid, kontra t-tgħaqqid u l-koagulanti**

| Nru | Additttiv | Formula kemikali, deskrizzjoni | Speċje jew kategorija ta' l-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Disposizzjon ijiet ohrajn | Perijodu ta' l-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Mg/kg ta' l-g]alf komplut | | | |
| 4 | Klinoptilit ta' oriġini sedimentarja | Kalċju idrolizzat: ossilikat ta' l-alumina ta' oriġini sedimentarja li jkun fih mill-anqas 80 % ta' klinoptilolit u massimu ta' 20 % ta' minerali tat-tafal. Ħieles mill-fibra u mill-kwatrz.<br><br>Kontenut massimu ta' diossini ([1]) | Majjali għas-simna | – | – | 20 000 | L-għalf kollu | tat-30.9.2001 |
| | | | Tiġieġ għas-simna | – | – | 20 000 | L-għalf kollu | tat-30.9.2001 |
| | | | Dundjani għas-simna | – | – | 20 000 | L-għalf kollu | tat-30.9.2001 |
| | | | Bovini | – | – | 20 000 | L-għalf kollu | tat-30.9.2001 |
| | | | Salamun | – | – | 20 000 | L-għalf kollu | tat-30.9.2001 |

([1]) Fin-nuqqas tal-istabbeliment, jekk meħtieġ, ta' limiti massimu speċifiku ibbażat fuq informazzjoni suffiċċjenti rigward il-preżentza ta' diossini, il-limitu massimu ta' 50 pg WHO-PCCD/F-TEQ/lk għandu jkun applikabbli mill-15 ta' Ottubru 2000.